# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 26 ta' Frar 2024**

**Numru 11**

**Rikors numru : 77/2020/2 BS**

**Road Construction Co. Limited**

**v.**

**Salvu Mintoff & Sons Ltd (C-5093),**
**Gatt Development Limited (C-16310),**
**Raymond Gatt, Ronnie Gatt, William Gatt,**
**Benigno sive Benny Gatt, Joseph Gatt u**
**Mariano *sive* Mario Gatt, u b'digriet tas-27 ta' Novembru 2020**
**żdiedet il-kumpanija Gatt Enterprises Ltd (C-41625)**

**<u>PRELIMINARI:</u>**

1. Is-soċjetà attriċi tilmenta li fuq art li tinsab il-Qala, Għawdex, u li qiegħda għandha b'ċens temporanju, is-soċjetà konvenuta Salvu Mintoff

& Sons Ltd qiegħda tqatta' l-blat b'telf għaliha. Issostni wkoll li l-konvenuti l-oħra b'qerq u/jew komplicita` mas-soċjetà konvenuta Salvu Mintoff & Sons Ltd għenu lill-istess soċjetà Salvu Mintoff & Sons Ltd sabiex tiżvesti ruħha mill-assi tagħha, u dan bi ħsara tad-drittijiet tagħha.

2. Għalhekk fis-7 ta' Ottubru 2020 is-soċjetà attriċi intalvolat din il-kawża quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, sabiex il-konvenuti kollha, flimkien u solidalment bejniethom, jew min minnhom, jiġu kkundannati jagħmlu tajjeb għat-telf u d-danni kollha (kif likwidati mill-qorti) li ġarrbet.

3. Fit-18 ta' Novembru 2022 il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali tat sentenza preliminari li permezz tagħha ċaħdet it-tieni eċċezzjoni tan-nuqqas ta' ġurisdizzjoni u ħalliet il-kawża għall-kontinwazzjoni fil-mertu.

4. Fis-16 ta' Diċembru 2022 il-konvenuti intavolaw appell quddiem din il-qorti fejn talbuha tħassar is-sentenza preliminari tat-18 ta' Novembru 2022 u minflok:

(i) jew tilqa' hija stess it-tieni eċċezzjoni imressqa minnhom;

(ii) jew tibgħat l-atti lura lill-ewwel qorti prevja kull direttiva neċessarja dwar il-prosegwiment tal-kawża;

bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra s-soċjetà attriċi.

5. Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell din il-qorti qiegħda tirriproduċi s-sentenza appellata:

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors ġuramentat tas-soċjetà attriċi Road Construction Co. Ltd illi ppremettiet:**

1. ILLI l-esponenti tipposjedi b'titolu ta' enfitewsi temporanja għal żmien ħamsa u għoxrin (25) sena porzjoni diviża ta' art magħrufa "Ta' Għar id-Dar", fil-limiti ta' Qala [sic], Għawdex, tal-kejl ta' madwar ħamest elef, disa' mija erbgħa u għoxrin metru kwadru (5,924 m.k.) konfinanti min-nofsinhar u mill-punent ma' beni tal-Abbazia di Sant' Antonio delli Navarra u mit-tramuntana ma' beni tal-enfitewta, kif ukoll porzjoni diviża oħra mill-art magħrufa "Ta' Għar id-Dar", fil-limiti ta' Qala [sic], Għawdex, tal-kejl ta' madwar elf, seba' mija sitta u sebgħin metru kwadru (1,776 m.k.) konfinanti min-nofsinhar u mill-punent ma' beni tal-Abbazia di Sant'Antonio delli Navarra u mit-tramuntana mal-porzjoni diviża tal-art konċessa kif hawn fuq deskritta, kif aħjar deskritti u indikati fil-kuntratt ta' konċessjoni enfitewtika tas-17 ta' Settembru 2018 pubblikat min-Nutar Krystle Frendo Galea;

2. ILLI l-art tal-kejl ta' cirka 5,924 m.k. ġiet konċessa lill-esponenti għal skop ta' qtugħ ta' blat bħala materja prima għall-uzu fil-kostruzzjoni, filwaqt li l-porzjoni art l-oħra tal-kejl ta' cirka 1,776 m.k. ingħatat lill-esponenti bħala buffer bejn l-ewwel porzjoni u artijiet oħra proprjetà tal-Abbazia di Sant'Antonio degli Navarra;

3. ILLI fl-aħħar tas-sena 2018, il-konvenuta Salvu Mintoff & Sons Limited, abbużivament u mingħajr ebda jedd legali, qabdet u daħlet f'dawn l-artijiet u bdiet tħammel, tqatta' u tieħu l-blat minnhom;

4. ILLI b'kawża fl-ismijiet Road Construction Co. Ltd vs Salvu Mintoff & Sons Limited et (Rikors Ġuramentat 185/2019 BS) preżentata fit-22 ta' Frar 2019, l-esponenti talbet l-iżgumbrament tal-konvenuta Salvu Mintoff & Sons Limited minn dawn iż-żewġ porzjonijiet art;

5. ILLI biex tissalvagwardja l-valur kummerċjali tal-art konċessa lilha, l-esponenti talbet lill-Qorti żżomm lill-kumpanija Salvu Mintoff & Sons Limited milli tagħmel fiha xogħol ta' tħammil jew tqattigħ ta' blat (Road Construction Co. Ltd vs Salvu Mintoff & Sons Limited, Inib. Nru 578/2019);

6. ILLI madankollu, din it-talba tal-esponenti ġiet miċħuda b'digriet tal-5 ta' Ġunju 2019, għaliex il-Qorti dehrilha li l-esponenti "għandha toroq oħra x'tista tagħzel u tieħu biex tirrikorri għad-debita kawtela";

7. ILLI intant, il-konvenuta Salvu Mintoff & Sons Limited kompliet tqatta'

u tħammel l-art mertu ta' din il-kawża b'pass mgħaġġel u sal[-]lum qattgħet u ħammlet il-maġġor parti tal-blat minn din l-art;

8. ILLI issa l-esponenti saret taf li l-konvenuta Salvu Mintoff & Sons Limited iddisponiet mill-assi kollha tagħha, billi għaddiethom lil Gatt Enterprises Limited, u żammet biss id-djun;

9. ILLI d-diretturi u l-azzjonisti tal-konvenuta Salvu Mintoff & Sons Limited huma l-istess bħal dawk tal-konvenuta l-oħra Gatt Enterprises Limited, u cioe' [sic] l-aħwa konvenuti Raymond Gatt, Ronnie Gatt, William Gatt, Benigno sive Benny Gatt, Joseph Gatt, u Mariano sive Mario Gatt;

10. ILLI kjarament, dan l-aġir tal-konvenuti kien intiż biex is-soċjetà konvenuta Salvu Mintoff & Sons Limited tiżvesti ruħha għal kollox mill-ġid tagħha, u b'mod li jkunu jistgħu jeludu d-drittijiet tal-esponenti sakemm dawn jiġu determinati fil-proċess ġudizzjarju pendenti fuq imsemmi;

11. ILLI dan kollu qed jikkaġuna danni inġenti lill-esponenti, għal liema danni jwieġbu solidalment bejniethom il-konvenuti jew min minnhom;

12. ILLI minkejja li l-konvenuti kollha ġew interpellati sabiex jiddesistu mill-aġir tagħhom u jersqu għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni kaġonati minnhom, huma baqgħu inadempjenti.

**Talbet lil din l-Onorabbli Qorti:**

1. Tiddikjara u tiddeċiedi li, b'riżultat tal-aġir tagħha, il-konvenuta Salvu Mintoff & Sons Limited ikkaġunat telf u danni inġenti lill-esponenti;

2. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-konvenuti l-oħra, konsapevolment, b'qerq u/jew b'kompliċità mal-konvenuta Salvu Mintoff & Sons Limited, għenuha biex tiżvesti ruħha mill-assi tagħha, bi ħsara tad-drittijiet tal-esponenti;

3. Konsegwentement, tikkundanna lill-konvenuti kollha flimkien u solidalment bejniethom, jew min minnhom, jagħmlu tajjeb għat-telf u d-danni kollha li ġarrbet l-esponenti bi ħtija tal-konvenuti;

4. Tillikwida d-danni kollha hekk sofferti mill-esponenti, okkorrendo bl-opera ta' perit nominandi;

5. Tikkundanna lill-konvenuti solidalment bejniethom, jew min minnhom, iħallsu s-somma hekk likwidata u dovuta.

Bl-ispejjeż, inkluż dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju preżentat kontestwalment u bl-imgħaxijiet legali sad-data tal-ħlas effettiv kontra l-konvenuti, inġunti minn issa għas-subizzjoni.

**Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti kollha illi eċċepew fost eċċezzjonijiet oħra:**

Illi din l-Onorabbli Qorti ma għandha ebda ġurisdizzjoni li tisma' l-kawża jekk is-soċjetà rikorrenti qiegħda tilmenta minn affarijiet li prettament jirrigwardaw il-liġi tal-kumpanniji [sic];

**Ikkunsidrat:**

Permezz tat-tieni eċċezzjoni s-soċjetà konvenuta teċċepixxi li din il-Qorti ma għandhiex il-kompetenza tiddeċiedi dwar it-tabiet tas-soċjetà attriċi billi skont hi dawn huma ta' natura kummerċjali. Minn naħa tagħha s-soċjetà attriċi tirribatti li l-kawża mressqa minnha hija ta' natura ċivili, ibbażata fuq l-azzjoni akwiljana sic et sempliciter u allura l-eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta ma għandhiex tiġi milqugħa.

**Ikkunsidrat:**

Il-kompetenza ta' din il-Qorti jirriżulta ben ċar mill-Artikolu 5 tal-Liġi Sussidjarja 12.19 li tirreferi għall-kawżi kollha relatati ma' materji regolati mill-Att dwar il-kumpaniiji. Dan l-Artikolu jipprovdi s-segwenti:

*"5A. Għandhom jiġu assenjati lill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ) rikorsi li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Qorti Ċivili u li huma relatati ma' materji regolati mill-Att dwar il-Kumpanniji, l-Att dwar il-Kompetizzjoni u kull regolament magħmul taħtu, l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur u kull regolament magħmul taħtu, u l-Att dwar l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur."*

Loġikament illi biex il-Qorti tasal għal deċizjoni dwar jekk għandhiex il-kompetenza li tisma' kawża o meno trid l-ewwel u qabel kollox tqis sew it-talbiet u l-isfond ta' tali talbiet kif deskritti fil-premessi li jkunu jirriżultaw mir-rikors ġuramentat tal-attriċi[1] billi "hu l-att promotur kif intavolat, it-talbiet u l-premessi tagħhom li jiffurmaw il-parametri li fihom il-qorti kellha teżerċita l-ġudizzju tagħha u li allura jiddeterimnaw il-kompetenza tagħha."[2]

L-indaġni li trid tagħmel il-Qorti hija waħda sommarja u mhux *in funditus* tal-mertu. Għalhekk f'dan l-istadju l-Qorti tenfasizza li dak li qed tiġi investit huwa biss l-eċċezzjoni tal-intimati rigward in-nuqqas ta' kompetenza ta' din il-Qorti, u dan, "ratione materie", ai termini tal-Artikolu 47 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Minn qari tat-talbiet imressqa mis-soċjetà attriċi jirriżulta li din qed titlob lill-Qorti ssib lis-soċjetà konvenuta ħatja għat-telf ta' qligħ u danni li qed issofri l-attriċi riżultat tal-aġir tal-konvenuta.

[1] Edmund Mugliette et Intertecnica Properties Limited, deċiża fit-13 ta' Ġunju 2007, Prim'Awla.
[2] Francis Refalo noe vs Jason Azzopardi et, deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza fis-7 t'Ottubru tal-1997.

Huwa minnu wkoll li fil-premessi s-soċjetà attriċi tirreferi għall-allegat manuvri li tgħid li l-konvenuta għamlet sabiex tisvesti ruħha mill-assi u dan bit-tir li s-soċjetà attriċi ma jkollhiex iċ-ċans li tenforza l-eventwali ġudizzju jekk dan jirriżulta favur tagħha.

Il-Qorti madankollu tqis li l-kawża tal-attriċi hija kollha kemm hi bbażata fuq l-aġir tal-konvenuta meta din ħaffret u qattgħet il-blat li l-attriċi ssostni kien tagħha. Hija l-fehma ta' din il-Qorti li dan il-fatt ma jikkostitwixxix materja li tmur lil hinn mill-kompetenza ta' din il-Qorti għax hawnhekk is-soċjetà Road Contruction Limited qed tibbaża l-azzjoni tagħha fuq il-*culpa aquiliana*. Huwa minnu li fil-premessi tallega li s-soċjetà Salvu Mintoff and Sons Ltd għamlet manuvri biex mexxiet l-assi tagħha band'oħra però dan il-fatt ma jolqotx il-mertu tal-kawża odjerna. Jista' jkollu impatt fuq kif is-soċjetà attriċi tipproċedi jekk il-kawża tinqata' favur tagħha, però ma għandu l-ebda piż fuq il-mertu tal-kawża.

**Decide:**

Għaldaqstant in vista tal-premess u l-motivi ġa espressi l-Qorti, qed tgħaddi sabiex tiċħad it-tieni eċċezzjoni mressqa mill-intimati u tħalli l-kawża għall-kontinwazzjoni fil-mertu.

Spejjeż ta' din id-deċiżjoni illi qed jiġu riżervati għall-ġudizzju finali.

## <u>Rikors tal-appell tal-konvenuti (16.12.2022):</u>

6. L-aggravji tal-konvenuti, in suċċint, huma s-segwenti:

(i) **<u>Fl-ewwel lok</u>**, jenfasizzaw li talba biex jiġi deċiż li kien hemm aġir qarrieqi biex kumpanija tiġi żvestita mill-assi kollha tagħha a detriment ta' terzi, taqa' fil-parametri tal-Liġi tal-Kumpanija, fosthom l-Art 315 tal-Kap 386. B'referenza għall-<u>Art. 5A tal-L.S. 12.19</u>, li jipprovdi li rikorsi li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Qorti Ċivili u li huma relatati ma' materji regolati (*inter alia*) mill-Att dwar il-Kumpanniji għandhom jiġu assenjati

lill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ), jargumentaw li l-liġi imkien ma tattribwixxi kompetenza lill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fuq materji kummerċjali ekwiparabbli ma' dawk li solitament jaqgħu fil-kompetenza tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ). *In oltre* jargumentaw li biex tiġi promossa ai termini tal-Art. 315 tal-Kap 386 dan jista' jsir biss waqt l-istralċ ta' kumpanija.

(ii) **Fit-tieni lok** jissottomettu li l-ewwel qorti naqset li tqis li fil-kawża iddaħħlu diversi individwi f'isimhom personali kif ukoll kumpaniji oħra li m'humiex Salvu Mintoff & Sons Ltd, u li dan kellu jingħata piż fid-determinazzjoni dwar jekk il-kawża taqax fil-kompetenza tagħha jew fil-kompetenza tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ).

(iii) **Fit-tielet lok** jargumentaw li l-ewwel qorti fid-determinazzjoni ta' dak li huwa rilevanti għall-fini li tiddeċiedi l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' kompetenza waqfet biss mar-rikors promutur u ma kkunsidratx ukoll l-eċċezzjonijiet fil-kunsiderazzjoni li għamlet dwar jekk kellhiex jew le l-kompetenza rikjesta.

(iv) **Fir-raba' lok** jilmentaw li l-ewwel qorti waslet għad-deċiżjoni tagħha dwar it-tieni eċċezzjoni wara li għamlet kunsiderazzjonijiet li jolqtu l-ewwel eċċezzjoni (in-nullità tal-azzjoni għaliex ma tirriżultax x'tip ta' azzjoni qiegħda tagħmel is-soċjetà attriċi) u li dwarha ma

ingħatawx l-opportunita` li jittrattaw.

(v) **<u>Fil-ħames lok</u>** jargumentaw li l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' kompetenza kienet ġiet sollevata kemm mill-konvenuti kif ukoll mill-kjamata fil-kawża iżda l-ewwel qorti ċaħdet biss it-tieni eċċezzjoni mressqa mill-konvenuti.

(vi) **<u>Fis-sitt lok</u>** jaċċennaw għall-fatt li wara li l-ewwel qorti ċaħdet it-tieni eċċezzjoni ħalliet il-kawża għall-kontinwazzjoni fil-mertu, u dan jagħti x'jifhem li l-eċċezzjonijiet preliminari rimanenti mhux ser jiġu trattati u deċiżi b'kap separat.

**<u>Risposta tal-appell tas-soċjetà attriċi (06.01.2023):</u>**

7. Is-soċjetà attriċi appellata wieġbet biex tagħti r-raġunijiet tagħha għaliex is-sentenza appellata hija ġusta fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tiġi kkonfermata.

**<u>KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI:</u>**

**<u>L-ewwel aggravju:</u>**

***L-azzjoni odjerna tinvolvi materja regolata mill-Att dwar il-Kumpanniji u għalhekk il-kompetenza hija tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni***

***tal-Kummerċ); il-Qorti tal-Maġistrati fil-Ġurisdizzjoni Superjuri tagħha m'għandhiex kompetenza ekwiparabbli ma' dik tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ); azzjonijiet taħt l-Art. 315 tal-Kap 386 jistgħu jsiru biss waqt l-istralċ tal-kumpanija.***

8. L-ewwel qorti irriteniet li l-kompetenza tagħha bħala Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) tirriżulta "*ben ċar*" mill-Artikolu 5 tal-L.S. 12.19 li tirreferi għall-kawżi kollha relatati ma' materji regolati mill-Att Dwar il-Kumpaniji; imbagħad iċċitat l-Artikolu 5A:

> "5A. Għandhom jiġu assenjati lill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ) rikorsi li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Qorti Ċivili u li huma relatati ma' materji regolati mill-Att dwar il-Kumpanniji, l-Att dwar il-Kompetizzjoni u kull regolament magħmul taħtu, l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur u kull regolament magħmul taħtu, u l-Att dwar l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur."

9. Il-konvenuti appellanti jibdew billi jaċċennaw għall-"iżball" li għamlet l-ewwel qorti meta irreferiet għall-Artikolu 5 flok l-Artikolu 5A. Dan evidentement huwa *lapsus calami*; tant hu hekk li l-artikolu ċitat minnha huwa fil-fatt l-Artikolu 5A.

10. Jargumentaw imbagħad li kuntrarjament għall-interpretazzjoni mogħtija mill-ewwel qorti, l-Artikolu 5A tal-L.S. 12.19 fil-fatt jeskludi l-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex).

11. Jaċċennaw għall-Art 3 tal-L.S. 12.19 li jistabblixxi s-sezzjonijiet differenti tal-Qorti Ċivili, ossia:

(i) Is-Sezzjoni tal-Familja;
(ii) Is-Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja;
(iii) Is-Sezzjoni tal-Kummerċ;
(iv) Is-Sezzjoni tal-Irkupru tal-Assi; u
(v) Is-Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Ġenerali (il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili).

u jispjegaw ukoll li mill-Artikolu 50(2)(b)[3] u l-Artikolu 54[4] tal-Kap 12, kif ukoll l-Art. 9[5] tal-L.S. 12.19 jirriżulta li l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-ġurisdizzjoni superjuri tagħha għandha kompetenza fis-segwenti materji biss:

(i) Kawżi li altrimenti jaqgħu fil-kompetenza tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), li jiġu assenjati lill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Superjuri) (Sezzjoni tal-Familja);

(ii) Kawżi li altrimenti jaqggħu fil-kompetenza tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja), li jiġu assenjati lill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Superjuri) (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja);

(iii) Kawżi li altrimenti jaqgħu fil-kompetenza residwa tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, li jiġu assenjati lill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Ġenerali).

[3] Art. 50(2)(b) tal-Kap 12 li jipprovdi li l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fl-attribuzzjoni superjuri tagħha għandha s-setgħa li tieħu konjizzjoni tal-kawżi kollha tax-xorta ta' dawk illi skont l-Artikolu 32 huma ta' kompetenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili;

[4] Art. 54 tal-Kap 12 li jipprovdi li l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) għandha wkoll is-setgħat mogħtija lill-Qorti Ċivili fil-ġurisdizzjoni volontarja tagħha;

[5] Art 9 tal-L.S. 12.19 li jipprovdi li mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-Art. 54 tal-Kap 12, għandu jkun hemm fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), fil-Ġurisdizzjoni Superjuri tagħha żewġ sezzjonijiet, ossia Is-Sezzjoni tal-Familja u Is-Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Ġenerali.

12. Din il-qorti ma taqbilx mal-konvenuti appellanti għaliex għalkemm il-mod kif esprimiet ruħha l-ewwel Qorti li l-kompetenza tagħha toħrog mir-regolament 5A tal-L.S. 12.19 però minn dak li jsegwi fis-sentenza appellata fehmet li l-kompetenza tagħha toħrog mir-regolament *a contrario sensu* u b'hekk ir-regolament 5A tal-L.S. 12.19 fil-fatt jeskludi l-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex).

13. Issa l-konvenuti jargumentaw li ladarba s-soċjetà attriċi talbet li jiġi deċiż li kien hemm aġir qarrieqi sabiex is-soċjetà konvenuta Salvu Mintoff & Sons Ltd tiġi żvestita mill-assi kollha għad-detriment tagħha, u ladarba tali talba taqa' fil-parametri tal-Att Dwar il-Kumpaniji (Art. 315, Kap 386), b'applikazzjoni tal-Art. 5A tal-L.S. 12.19 isegwi li l-kawża odjerna hija improponibbli quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), u invece kellha ssir quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ), li hija qorti differenti mill-ewwel qorti, minkejja li tisma' l-kawżi fil-bini tal-Qorti t' Għawdex meta l-konvenuti jkunu residenti f'Għawdex [Art. 36(7), Kap 12].

14. Ulterjorment, u mingħajr preġudizzju, jissottomettu li biex azzjoni ai termini tal-Art. 315 tal-Kap 386 tista' tiġi promossa (cioè biex jiġi dikjarat li kien hemm aġir qarrieqi) dan jista' jsir biss "*waqt l-istralċ ta' kumpanija*" u allura l-individwi imħarrkin personalment la huma leġittimi kontraditturi u lanqas is-soċjetà attriċi m'għandha dritt ta' azzjoni fil-konfront tagħhom ladarba s-soċjetà Salvu Mintoff & Sons Ltd ma hix fi stralċ.

15. Da parti tagħha s-soċjetà attriċi appellata tfakkar li fi proċedimenti ta' natura prettament ċivili li jinvolvu azzjonijiet dwar responsabbiltà kuntrattwali jew delittwali il-qrati tagħna applikaw il-kunċett tal-*"lifting of the corporate veil*" u sabu diretturi jew azzjonisti personalment respnsabbli, minkejja li l-proċeduri ma kinux jittrattaw proċeduri ta' stralċ. F'dan ir-rigward jiċċitaw mis-sentenza **Franstan (P651) vs Kashmiri Palace Ltd et**, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta' Frar 2017[6] fejn saret rassenja sħiħa ta' ġurisprudenza rilevanti:

> "Kif inghad fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta, tat-12 t'Ottubru, 2007, fl-ismijiet **Dr. Andrew Borg Cardona noe v. Price Club Holdings Limited et**:
>
> *"Din il-Qorti tinnota li l-ligi dwar Kumpaniji ma taghtix espressament ir-rimedju mitlub mill-attur nomine. Fl-artikolu 67 tghid biss li l-azzjonisti ghandhom responsabilita' limitata, izda ma titkellem xejn dwar possibilita' ta' "abbuz" ta' din il-limitazzjoni. Hu accettat, pero', fid-duttrina u fil-gurisprudenza, li f'kaz li jirrizulta abbuz ta' din ir-responsabilita' limitata, il-Qorti ikollha l-poter thares wara dik il-limitazzjoni u zzomm lill-persuni responsabbli mit-tmexxija tal-kumpanija personalment responsabbli ghal-konsegwenzi li jirrizultaw mill-agir tal-kumpanija."*
>
> Din il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni tal-konvenuti fejn jinghad li responsabilità personali ta' diretturi jew azzjonisti ghandha tigi dikjarata biss waqt li kumpannija tkun qeghda fi process ta' stralc a tenur tal-artikoli 315 u 316 tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta. Kien hemm diversi okkazjonijiet fejn il-Qrati taghna warrbu l-velu ta' socjeta' kummercjali, b'personliltà guridika separata u sabu diretturi jew azzjonisti personalment responsabbli, minkejja li l-proceduri ma kenux jittrattaw proceduri ta' stralc.
>
> Per ezempju il-Qorti tal-Appell, fis-sentenza taghha tal-11 ta' Marzu, 2016 fl-ismijiet **Id-Direttur tal-Artijiet v. Alfred Baldacchino et.** kien ritenut:
>
> > *"Hija l-fehma ta' din il-Qorti, ladarba giet riskontrata l-mala fede da parti l-konvenuti, il-konsegwenza logika kellha tkun li l-konvenut Alfred Baldacchino ma kellux jibqa' jistahba wara l-velu tal-personalita'*

[6] Deċiżjoni mhux appellata

> *guridika distinta tas-socjetajiet konvenuti l-ohra, li ghalihom huwa kostantament deher sahansitra fuq l-imsemmi kuntratt ta' kera bejn iz-zewg socjetajiet konvenuti l-ohra, u dan ftit qabel ma skada c-cens. Is-sentenza* ***Edward Enriquez et v. Avukat Dr. Anthony Farrugia senior et nomine*** *deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Ottubru 1995, hija proprju ibbazata fuq dan il-principju fejn inghad:*
>
> *"Il-Qorti tifhem li fejn jirrizulta agir skorrett li juri 'mala fides' ma ghandhiex thalli lil min jahti ghal dan l-agir jiehu vantagg mill-'mala fides' tieghu. Il-ligi taghna hija mibnija fuq il-'bona fides'. L-ebda negozju giuridiku ma ghandu mmunita` mill-principju 'fraus omnia corrumpit'. Jekk biex ikun newtralizzat l-effett tal-'mala fides' huwa mehtieg li l-Qorti tipprexindi mill-personalita` separata ta' persuna morali, il-Qorti hija lesta li tiehu dan il-pass". "*

Aktar recentement, din il-Qorti diversament preseduta, fis-sentenza taghha tal-1 t'Ottubru, 2016, fl-ismijiet **Dr. Ivan Sammut nomine v. Winetailors Limited et**:

> *"Illi l-personalità ġuridika separata tal-kumpannija, ċjoe` is-separazzjoni netta tal-kumpannija mill-membri tagħha, titqies li hija prinċipju fundamentali tal-liġi tal-kumpanniji. Madankollu bħala eċċezzjoni għal din ir-regola, kemm il-liġi Maltija u dik Ingliża li fuqha hija immudellata, kif ukoll il-Qrati tagħna fid-deċiżjonijiet tagħhom, okkażjonalment ippermettew illi tiġi injorata l-identità separata tal-kumpannija minn dik tal-membri tagħha, u l-azzjonist fl-aħħar mill-aħħar inżamm personalment responsabbli għal djun tal-kumpannija.*
>
> *Illi għad li l-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna f'dan ir-rigward mhijiex daqstant estensiva, minnha joħroġ ċar illi fejn tirriżulta l-mala fede, in-nuqqas ta' imġiba korretta jekk mhux saħansitra l-frodi min-naħa tal-azzjonist li juża l-kumpannija li tkun taħt il-kontroll assolut tiegħu bħala lunga manus biex jeludi u jaħrab mill-obbligazzjonijiet kuntrattwali li jkun daħal għalihom, dan m'għandux jitħalla jinħeba wara l-paraventu tal-kumpannija, imma għandu jinżamm personalment responsabbli għal djun tal-kumpannija li jkunu saru b'mala fede, imġiba skorretta jew frodi.*

*Illi fi kliem il-Prof. Andrew Muscat[7]:*

> *"The 'fraud or improper conduct' inroad had also featured prominently in a number of Maltese cases. Three of these merit detailed attention:* ***Dr. José Herrera noe et vs. Tancred Tabone et noe,[8] Edward u Giovanni Leone Enriquez vs. Avukat Dr. Anthony Farrugia et[9]*** *and* ***Nevada Limited et vs. Hubert Mifsud et***.*[10] In all three cases, the courts relying on the paramount principle of good faith, lifted the corporate veil where the corporate form was used to evade contractual obligations. …*
>
> *Clearly, English and Maltese courts will ignore, or look behind, the*

---

[7] Principles of Maltese Company Law, p. 330 (Malta University Press, 2007).
[8] *Q.K. (26.01.1989); Vol. LXXVI.ii.321 (Qorti tal-Appell 1992); Vol. LXXX.ii.508 (Qorti tal-Appell1996) (Ritrattazzjoni).*
[9] P.A. (12.10.1989).
[10] 5 P.A. (20.11.1998); Qorti tal-Appell (16.02.2004). Ara wkoll Joseph Chetcuti noe vs. Peter Paul Camilleri (Vol.LXXXII.ii.1295) (Qorti tal-Appell)

> *separate juridical personality of a company if it is shown that there has been fraud or improper conduct.”.”*

Filwaqt li taghmel pjena referenza ghal dawn il-principji, il-Qorti ser tichad l-eccezzjonijiet fil-mertu tal-konvenuti ladarba giet riskontrata nuqqas ta’ imgieba korretta da parti tal-konvenuta Carmen Taliana u li ghalhekk m’ghandhiex tgawdi mill-beneficcju ta’ responsabbilità limitata moghtija lilha a tenur tal-artikolu 67 tal-Att dwar il-Kumpanniji. Isegwi li l-konvenuta Carmen Taliana ghandha tirrispondi flimkien mas-socjetà konvenuta, ghad-danni kkagunati lis-socjetà attrici.

16. L-atturi appellati ifakkru wkoll li din il-qorti stess, fis-sentenza mogħtija minnha fis-26 ta’ Ottubru 2022 fl-ismijiet **Dorothy Lentini vs AS & B Limited et**, appell minn kawża dwar ir-responsabbilta` akwiljana mismugħa u deċiża mill-Prim’ Awla tal-Qorti Ċivili, irribadiet li:

“16. ……Huwa aċċettat fil-ġurisprudenza pero` li l-prinċipju tal-personalita` ġuridika distinta ta’ kumpanija ma jeżonerax dejjem u awtomatikament lid-direttur mir-responsabbilita` għad-danni delittwali sofferti minn terzi persuni. Kif ingħad minn din il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **Alexander u Sylvia konjuġi Zammit v. Carmel Mifsud et** (Appell, 23/02/2022):

> *“Għalkemm il-kumpanija Sterling Car Rentals Limited tħaddan personalita` ġuridika separata u differenti mir-rappreżentanti jew diretturi tagħha, xorta jista’ jingħad li l-ħsara mġarrba mill-atturi appellati hija marbuta wkoll ma’ għemil il-konvenut appellant Mifsud. F’dan il-każ irriżulta li, minkejja l-konvenut Mifsud kien involut sew fl-attivita` tas-soċjetà Sterling Car Rentals Limited, ma jirriżultax li ħa xi azzjoni preventiva sabiex tiġi evitata ħsara ulterjuri fil-fond tal-atturi. Kwindi huwa ritenut li d-danni mġarrba mill-atturi mhumiex sempliċement responsabbilta` tal-kumpanija sid il-proprjeta` fejn seħħew ix-xogħlijiet, iżda d-danni mġarrba mill-atturi seħħew ukoll b’kawża ta’ deċizjonijiet meħudin mill-konvenut appellant Mifsud, jew ta’ nuqqasijiet fosthom deċiżjonijiet jew azzjonijiet li naqas li jieħu, jew li messu ħa u għalhekk ma użax il-prudenza, diliġenza u l-ħsieb ta’ missier tajjeb tal-familja, kif mistenni minnu. Bħala wieħed mill-persuni li jmexxi l-kumpanija, Mifsud kellu d-dmir li jara li bix-xogħlijiet li kienu qegħdin jitwettqu fuq inkarigu tal-kumpanija li tagħha kien direttur, ma jiġux ikkawżati danni lill-proprjeta`jiet konfinanti dik tas-soċjetà rappreżentata minnu.*
>
> *[…]*

*Għalkemm f'dan il-każ, is-sid kienet kumpanija (persuna morali) din kienet immexxija minn persuni fiżiċi, fosthom l-imsejjaħ fil-kawża, li għandu jwieġeb għal dak li ġara.*

*[…]*

*Carmel Demicoli fil-kapaċita` tiegħu ta' Direttur kemm ta' Sterling Car Rentals Limited, kif ukoll ta' Barkata Limited, kellu l-obbligu li jara li s-soċjetàjiet rappreżentati minnu jwettqu l-obbligi tagħhom. Huwa naqas mill-għaqal ta' missier tajjeb tal-familja meta ma rax li s-soċjetàjiet immexxija minnu kienu qegħdin jonqsu fl-obbligi tagħhom u li dawn in-nuqqasijiet setgħu joħolqu perikolu għal ħaddieħor. Kwindi n-nuqqasijiet ta' Sterling Car Rentals Limited u ta' Barkata Limited huma nuqqasijiet ta' Carmel Demicoli wkoll, billi huwa kellu s-setgħa u għalhekk l-obbligu li dawk in-nuqqasijiet ma jibqgħux fis-seħħ. (Ara f'dan is-sens ukoll is-sentenza ta' din il-Qorti tal-25 ta' Novembru, 2016, fil-kawża fl-ismijiet* ***Silvana Sammut pro et noe v. Clamus Holdings Limited et****)."* [11]

17. Mill-atti jirriżulta b'mod ċar li Anthony Sammut kien jaf bil-ħsara li kienet qed tiġi kkawżata fir-residenza tal-attriċi, partikolarment billi l-perit inkarigat mill-attriċi fassal xejn anqas minn tliet rapporti fejn indika u spjega d-dannu li kien qed isir fil-proprjeta`. Mill-provi jirriżulta wkoll li Sammut, bħala direttur tas-soċjetà konvenuta, ma għamel xejn biex jevita jew inaqqas il-ħsara li kienet qed tiġi kkawżata, u dan minkejja li mill-provi jirriżulta ċar li kien hu li kien qiegħed jieħu ħsieb il-proġett f'isem is-soċjetà konvenuta. Għalhekk Sammut kellu s-setgħa u l-konsegwenti obbligu li jara li x-xogħlijiet li kienu qed isiru ma jikkawżawx perikolu lill-attriċi u r-residenza tagħha, obbligu li huwa naqas minnu b'mod sfaċċat."

17. Fid-dawl tal-ġurisprudenza suċitata din il-qorti ssib li ladarba t-talbiet principali huma mibnija fuq responsabiltá *ex delicto* biex jiġi deċiż li kien hemm aġir qarrieqi sabiex is-soċjetà Salvu Mifsud & Sons Ltd kumpanija tiġi żvestita mill-assi kollha tagħha a detriment tas-soċjetà attriċi magħdud mal-fatt li l-kumpanija kkaġunat telf bl-għemil tagħha (li ħadet mill-barriera tal-attriċi) ma jiżvestix lill-ewwel qorti mill-kompetenza tagħha li tisma' u tiddeċiedi dwar tali talbiet dejjem bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet tal-konvenuti.

---

[11] Ara wkoll: **Anthony Briffa pro et noe v. Vincent Oliver Abela pro et noe** (Prim'Awla, 28/03/2003)

18. Din il-kawża hija waħda għad-danni ċivili *ex delicto*, għal liema danni s-soċjetà attriċi qiegħda titlob li jiġu dikjarati responsabbli flimkien solidalment bejniethom, jew min minnhom, is-soċjetajiet konvenuti u l-azzjonisti diretturi personalment. Il-kompetenza tal-ewwel qorti biex tisma' u tiddeċiedi din il-kawża tirriżulta mill-Artikolu 9 tal-L.S. 12.19, li jipprovdi li mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-Art. 54 tal-Kap 12 [fejn jingħad li Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) għandha wkoll is-setgħat mogħtija lill-Qorti Ċivili fil-ġurisdizzjoni volontarja tagħha] għandu jkun hemm fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), fil-Ġurisdizzjoni Superjuri tagħha żewġ sezzjonijiet, ossia Is-Sezzjoni tal-Familja u Is-Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Ġenerali. Issir referenza wkoll għall-artikolu 50(2)(b) tal-Kap. 12.

19. Isegwi għalhekk li dan l-ewwel aggravju huwa infondat.

**It-tieni aggravju:**

***Qed tintalab dikjarazzjoni ta' responsabbilta` ta' individwi f'isimhom personali kif ukoll ta' kumpaniji oħra; ir-responsabbilta` personali ta' persuni qua diretturi jew azzjonisti taqa' fil-parametri tal-Art 315 tal-Kap 386.***

20. Fit-tieni aggravju l-konvenuti appellanti jargumentaw illi barra s-soċjetà konvenuta Salvu Mintoff & Sons Ltd, fil-kawża ddaħħlu diversi individwi f'isimhom personali kif ukoll kumpaniji oħra. Jenfasizzaw li s-

soċjetà attriċi qed issostni li dawn għenu lis-soċjetà Salvu Mintoff & Sons Ltd biex tiżvesti ruħha mill-assi tagħha, bi frodi għad-detriment tagħha. Jispjegaw li dawn il-persuni ġew ċitati għaliex jaqgħu f' żewġ kategoriji: (i) Gatt Enterprises Ltd li ġiet ċitata għaliex skont is-soċjetà attriċi ġew trasferiti fuqha l-assi ta' Salvu Mintoff & Sons Ltd; u (ii) il-bqija bħala azzjonisti jew diretturi ta' Salvu Mintoff & Sons Ltd.

21. Jirrilevaw li dawn il-persuni ġew ċitati in bażi tal-allegazzjoni ta' qerq u/ jew kompliċità fil-kwalità tagħhom ta' diretturi jew azzjonisti ta' kumpanija, fejn qed jiġi allegat li dawn għenu lis-soċjetà Salvu Mintoff & Sons Ltd tiżvesti ruħha mill-assi tagħha, għad-detriment tas-soċjetà attriċi. Għalhekk jissottomettu li dak li qed jintalab fil-każ odjern jinkwadra ruħu prettament minn materja regolata mill-Att dwar il-Kumpaniji (Kap. 386), fosthom l-Artikolu 315.

22. Abbażi tal-kunsiderazzjonijiet li diġà saru fir-rigward tal-ewwel aggravju din il-qorti ssib li dan l-aggravju huwa infondat. Ta' min iżid ukoll illi l-artikolu 315 tal-Kap. 386 japplika biss meta s-soċjetà tkun fi stralċ iżda r-rimedju huwa disponibbli wkoll (bħal fil-kaz tal-lum) meta s-soċjetà ma tkunx fi stralċ u f'dak il-kaz ma jintlaqatx mill-artikolu 315.

**<u>It-tielet aggravju</u>**

***Fl-eżami li kellu jsir għall-finijiet tal-eċċezzjoni dwar il-komptenza, kellhom jiġu kkunsidrati mhux biss ir-rikors promutur iżda wkoll l-eċċezzjonijiet.***

23. Il-konvenuti appellanti f'dan it-tielet aggravju tagħhom jilmentaw li għall-finijiet tal-eċċezzjoni dwar in-nuqqas ta' kompetenza l-ewwel qorti qieset biss it-talbiet u mhux ukoll l-eċċezzjonijiet, u dan anke kif inhu insenjat fil-ġurisprudenza nostrana.

24. Kif wieġbet is-soċjetà attriċi appellata, l-eċċezzjonijiet preliminari l-oħra jirrigwardaw in-nullità tal-azzjoni, il-karenza tal-interess ġuridiku u l-illeġittimu kontradittur; filwaqt li dawk fil-mertu jirrigwardaw id-difiża tal-personalitá ġuridika separata, in-nuqqas ta' relazzjoni kuntrattwali, il-karenza tal-elementi meħtieġa biex jirnexxu l-azzjoni dwar responsabbiltá delittwali u l-azzjoni pawljana, u li din l-azzjoni tfalli jekk tfalli l-azzjoni l-oħra ta' żgumbrament (Rik. Nru. 185/19/BS). Kif tfakkar ukoll l-istess soċjetá attriċi appellata, it-talbiet attriċi huma biex is-soċjetá konvenuta Salvu Mintoff & Sons Ltd tinstab responsabbli għaliex ikkaġunat telf u danni lill-esponenti bl-aġir tagħha, li l-konvenuti l-oħra għenuha tiżvesti ruħha mill-assi tagħha bi ħsara tad-drittijiet tas-soċjetá attriċi, u li minħabba f' hekk għandhom jagħmlu tajjeb flimkien u solidalment bejniethom għat-telf kollu li inkorriet.

25. Il-Qorti tqis illi dak li qed jiġi deċiz hu l-eċċezzjoni tal-kompetenza biss u r-risposti ġuramentati huma rilevanti biss f'dan l-istadju għall-fini ta' din l-eċċezzjoni tal-ġurisdizzjoni li ġew kunsidrati mill-ewwel Qorti u minn

din il-Qorti.

26. Għalhekk dan l-aggravju wkoll jirriżulta bla bażi.

**<u>Ir-raba' aggravju:</u>**

***L-ewwel qorti għamlet kunsiderazzjonijiet li jolqtu eċċezzjonijiet oħra, li dwarhom il-konvenuti ma ngħataw l-ebda opportunita li jittrattaw.***

27. L-ewwel qorti fil-kunsiderazzjonijiet tagħha dwar l-eċċezzjoni tal-kompetenza qieset li għalkemm fil-premessi tagħha s-soċjetà attriċi tirreferi għall-allegati manuvri li saru biex il-konvenuta (ossia s-soċjetà konvenuta Salvu Mintoff & Sons Ltd) tiżvesti ruħha mill-assi u dan bit-tir li hija (s-soċjetà attriċi) ma jkollhiex l-opportunità li tenforza l-eventwali ġudizzju jekk dan jirriżulta favur tagħha, madanakollu l-kawża attriċi hija kollha kemm hi <u>bbażata fuq l-aġir tal-konvenuta meta din ħaffret u qattgħet il-blat li l-attriċi ssostni li huwa tagħha</u>, ossia l-azzjoni hija bbażata fua il-*culpa aquiliana.*

28. Il-konvenuti appellanti jilmentaw li bil-fatt li l-ewwel qorti daħlet fil-kwistjoni ta' x'tip ta' azzjoni kienet qed tagħmel is-soċjetà attriċi b'din il-kawża ġiet li daħlet f'kunsiderazzjonijiet li jirrigwardaw prettament l-*ewwel eċċezzjoni*, cioè l-fatt li l-azzjoni kif impustata mhix ċara u li dan id-difett iġib miegħu n-nullità tal-azzjoni.

29. F’ dan ir-rigward is-soċjetà attriċi appellata tirrimarka kif il-konvenuti appellanti qegħdin “*jitfixklu f’ saqajhom*” meta fit-tielet aggravju tagħhom jilmentaw li għall-finijiet tat-tieni eċċezzjoni, l-ewwel qorti kellha mhux biss tqis it-talbiet iżda wkoll l-eċċezzjonijiet, imbagħad fl-istess nifs, cioè f’dan ir-raba’ aggravju tagħhom, jilmentaw bil-fatt li l-kunsiderazzjonijiet tal-ewwel qorti dwar in-natura tal-azzjoni kienu tant wiesgħa li rifset fuq eċċezzjonijiet oħra, ossia l-ewwel eċċezzjoni dwar in-nullità tal-azzjoni attriċi, mingħajr ma laħqet semgħet provi jew sottomissjonijiet dwar tali eċċezzjoni.

30. Din il-Qorti taqbel mas-soċjetà attriċi appellata in kwantu targumenta li ladarba l-konvenuti stess qegħdin jinsistu li l-eċċezzjoni dwar in-nuqqas ta’ kompetenza tinħtieġ analiżi tat-talbiet u tal-eċċezzjonijiet kollha, u safejn rilevanti għad-determinazzjoni ta’ din l-eċċezzjoni partikolari hekk sar. Wara kollox kienu l-konvenuti stess fl-eċċezzjoni taghhom li waslu lill-Ewwel Qorti tqis jekk it-talbiet kif imposti jaqghux fil-kompetenza taghha. Ma jfissirx b’daqshekk li ddecidiet eċċezzjonijiet ohra.

31. Għaldaqstant ma ssibx li dan l-aggravju huwa fondat.

**<u>Il-ħames aggravju:</u>**

***Mhux ċar jekk is-sentenza appellata hix qiegħda tiddeċiedi l-eċċezzjonijiet ta’ kompetenza kollha sollevati jew waħda minnhom***

***biss.***

32. L-ewwel qorti bdiet il-kunsiderazzjonijiet tagħha hekk:

> "Permezz tat-tieni eċċezzjoni s-soċjetà konvenuta teċċepixxi li din il-Qorti ma għandhiex il-kompetenza tiddeċiedi dwar it-talbiet tas-soċjetà attriċi billi skont hi dawn huma ta' natura kummerċjali."

33. Il-konvenuti appellanti jaċċennaw għall-fatt li l-eċċezzjoni dwar il-kompetenza tal-ewwel qorti ġiet sollevata kemm fir-risposta ġuramentata tal-konvenuti oriġinali, kif ukoll sussegwentement, mis-soċjetà Gatt Enterprises Ltd (li żdiedet fil-kawża aktar tard[12]). Għalhekk jargumentaw li mhux ċar jekk meta l-ewwel qorti ċaħdet l-eċċezzjoni tal-kompetenza kinitx qiegħda tiddeċidihom "kollha" jew "waħda minnhom biss".

34. Dan l-aggravju huwa frivolu għall-aħħar, stante li l-eċċezzjonijiet dwar il-kompetenza mhux biss huma identiċi, kelma b'kelma, iżda fiż-żewġ risposti ġew sollevati fit-tieni eċċezzjoni rispettivament. Meta fit-8 ta' Lulju 2022 l-ewwel qorti ħalliet il-kawża għas-sentenza tat opportunità lill-partijiet biex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom dwar it-"*tieni eċċezzjoni*". Għalhekk m'għandu jkun hemm l-ebda dubju li meta ċaħdet it-tieni eċċezzjoni dwar il-kompetenza dan kien fir-rigward taż-żewġ risposti ġuramentati, anke jekk (aktarx bi żvista) fis-sentenza appellata ġiet riprodotta r-risposta ġuramentata tal-konvenuti oriġinali (meta Gatt

[12] Permezz ta' rikors datat 26 ta' Novembru 2020 is-soċjetà attriċi talbet li fl-okkju tal-kawża jiżdied l-isem "***Gatt Enterprises Ltd (C-41625)***" a tenur tal-Art. 175 tal-Kap 12. Ir-rikors ġie akkordat fis-27.11.2020.

Enterprises Ltd kienet għadha estranea għall-kawża), u mhux ukoll ir-risposta ġuramentata ta' Gatt Enterprises Ltd.

35. Għalhekk dan l-aggravju jirriżulta wkoll infondat.

**Is-sitt aggravju:**

***Il-kawża tħalliet għall-kontinwazzjoni fil-mertu.***

36. Finalment il-konvenuti appellanti jargumentaw illi meta l-ewwel qorti ċaħdet l-eċċezzjoni tal-kompetenza u ħalliet il-kawża "*għall-kontinwazzjoni fil-mertu",* dan jagħti x'jifhem li l-eċċezzjonijiet preliminari rimanenti mhux ser jiġu deċiżi u trattati b'mod separat.

37. Din il-qorti hawnhekk ukoll taqbel mas-soċjetà attriċi appellata li ma hemmx dubju li dan huwa *lapsus calami*, għaliex kemm il-partijiet u kif ukoll l-ewwel qorti kellhom intendiment li l-ewwel tiġi deċiża l-eċċezzjoni dwar in-nuqqas ta' kompetenza, imbagħad jiġu deċiżi – qabel il-mertu – il-bqija tal-eċċezzjonijiet preliminari l-oħra.

**DECIDE**

38. Għal dawn il-motivi din il-qorti tiċħad l-appell tal-konvenuti appellanti u tikkonferma l-konklużjoni tal-Ewwel Qorti in kwantu ċaħdet l-

eċċezzjoni dwar il-kompetenza u tippreċiża li dan japplika wkoll għar-rigward tal-eċċezzjonijiet kollha li saru mill-konvenuti dwar in-nuqqas ta' kompetenza, b'dan li l-Ewwel Qorti għandha tkompli tisma' l-kawża fuq l-eċċezzjonijiet preliminari l-oħra li fadal u jekk ikun il-kaz l-eċċezzjonijiet fil-mertu u t-talbiet.

39. L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom ikunu a karigu tal-konvenuti appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss